MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 292/2003

**GasanMamo Insurance Limited**

**Vs**

**Errol Grech u Grazio Mifsud**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u wiehed u hamsin lira u tlieta u sittin centezmu (Lm2,251.63) rapprezentanti hlas li sar mis-socjeta attrici (gja GasanMamo Insurance Agency Ltd) in ezekuzzjoni ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti moghtija fid-9 t'Ottubru, 2002 fl-ismijiet 'Elmo Insurance Agency Ltd noe et vs Errol Grech' (Dok A) u skond l-obbligi tas-socjeta attrici ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok B) u permezz ta' liema sentenza l-konvenut, Errol Grech gie

iddikjarat bhala unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni, u stante illi l-konvenut Grazio Mifsud ippermetta illi l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAE 774, assikurata f’ismu mas-socjeta attrici taht polza ta’ l-assikurazzjoni li kienet tkopri specifikament sewwieqa ta’ l-eta’ ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena jew aktar, tinstaq minn Errol Grech, li fid-data ta’ l-incident kelu wiehed u ghoxrin (21) sena u dana bi ksur tal-kundizzjonijiet ta’ l-istess polza ta’ l-assikurazzjoni.

Bl-ispejjez. Inkluzi dawk ta’ l-ittra pprezentata kontra l-konvenuti fit-2 ta’ Dicembru 2002 (Dok C) u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat ma’ l-avviz u bl-imghaxijiet legali mill-11 ta’ April 2003 u cjoe d-data li sar il-hlas mis-socjeta attrici lil terzi (Dok D u E) – kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz minn fol 2 sa fol 10 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-2 ta' Dicembru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2251.63,0 bl-imghax legali mill-11 ta’ April 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru 2002 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tat-30 ta’ Mejju 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------